# TALBA LIL ĠESU' BAMBIN

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

Illi nkun fhit anqas kburi,
nifhem aktar ħsieb l-oħrajn,
nara anqas l-għelt ta' ħuti!
Dak li naf lid-dgħajfin nuri
u nerfagħhom minn ġot-tajn;
li naf fuqhom nistor f'buti.
Dan nixtieq kull waqt u ħin,
xewqti aqta', o Bambin!

Hila 'tini biex jien nirbaħ,
meta f'rasi bla ma rrid,
xi ħsieb ħajjen jidher sfiq.
U ta' ħuti l-għomma nilmaħ,
indawwarha f'riżq u ġid
u neħlishom minn kull dieq.
Din hi x-xewqa li nitolbok
O Bambin, int taf li nħobbok!

Jekk għamilt lil ħuti ħsara,
jien nistqarr dan ma ridt qatt,
dlonk aħfirli u s-sabar roddli;
dan nitolbok bl-akbar ħrara.
Ngħakkes aktar żgur lil ħadd,
ħajja twajba w twila għoddli.
Dan, Bambin, hu kull ma rrid:
M'għajri nimxi, fis, id f'id.

*Milied tas-sena 1955.*